MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1362/2004

**Brands International Ltd**

**vs**

**Gregory Desira Ezercitanti l-kummerc bl-isem Desira Gregory Woodworks**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u erbgha u disghin lira Maltin u sebgha centezmi (Lm394.07) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata li baqghet ma thalssetx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 8 ta' Gunju 2004 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta' l-

effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u erbgha u disghin lira Maltin u sebgha centezmi (Lm394.07), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------